MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-15 ta' April, 2008

Numru. 307/2004

Il-Pulizija
(Sp Jeffrey Cilia)
vs
Johan Sultana, iben martin, imwieled Pieta’ fl-4 ta’ jannar, 1982

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fit-8 ta’ april, 2004, f’Raħal Ġdid, inġurja u/jew hedded, persuna nkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku, u cioe’ lill-Maġistrat Consuelo Scerri Herrera waqt li kienet qed tagħmel jew minħabba li kienet għamlet dan is-servizz jew bil-ħsieb li jbeżżagħha jew li jinfluwixxi fuqha kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta’ dan is-servizz;
2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi nġurja u/jew hedded maġistrat, u cioe’ lill-Maġistrat Consuelo Scerri Herrera, waqt li kienet qed tagħmel jew minħabba li kienet

qed tagħmel id-dmirijiet tagħha, jew bil-ħsieb li jbeżżagħha nkella li jinfluwixxi fuqha kontra l-liġi fid-dmirijiet tal-kariga tagħha;

3. talli fil-perjodu ooperattiv ta' diversi sentenżi sospiżi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ikkometta reat li għalih hemm il-piena ta' priġunerija.

4. talli huwa sar reċidiv skond l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, b'diversi sentenżi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, diversament presjeduti, liema sentenżi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula jew imħassra.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' april, 2004 fejn l-imputat iddikjara li qed jiskuża ruħu fil-konfront tal-Maġistrat Consuelo Scerri Herrera u qed jirtira kwalunkwe diskors li setgħa ntqal da parti tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti l-akkużi ġew pruvati skond il-liġi.

Illi għal dak li tirrigwarda t-tielet akkuża din il-Qorti rat l-artikolu 28B(2)(a) tal-Kodiċi Kriminali u qed tastjeni milli tagħmel ordni skond il-liġi

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi l-oħra miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 49, 50 u 93 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta' tletin (30) ġurnata priġunerija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------